## P7_TA(2013)0274

# Il-libertà tal-istampa u tal-midja fid-dinja

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar il-libertà tal-istampa u tal-midja fid-dinja (2011/2081(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR), l-Artikolu 19 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li jirrikonoxxi d-dritt għal-libertà ta' espressjoni tat-tfal,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-28 ta' Marzu 2008 (7/36) li testendi l-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni[1],

– wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, Frank La Rue[2], li jissottolinjaw ukoll l-applikabbiltà tan-normi u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali dwar id-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni fuq l-internet li hu meqjus bħala mezz ta' komunikazzjoni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Lulju 2012 intitolata 'Il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-internet'[3] li tirrikonoxxi l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' informazzjoni fuq l-internet,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-21 ta' Marzu 2011 mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-korporazzjonijiet transnazzjonali u impriżi oħrajn tan-negozju, John Ruggie, bit-titolu 'Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: L-implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju"[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU S/RES/1738 tat-23 ta' Diċembru 2006 dwar l-attakki kontra l-ġurnalisti, il-professjonisti tal-midja u l-

---

1 http://ap.ohchr.org/Documents/E/HRC/resolutions/A_HRC_RES_7_36.pdf.

2 B'mod partikolari, dawk tas-16 ta' Mejju 2011 (A/HRC/17/27), tal-10 ta' Awwissu 2011 (A/66/290), tal-4 ta' Ġunju 2012 (A/HRC/20/17) u tas-7 ta' Settembru 2012 (A/67/357), disponibbli fuq is-sit: http://www.ohchr.org/EN/Issues/FreedomOpinion/Pages/Annual.aspx.

3 http://daccess-dds-ny.un.org/doc/RESOLUTION/GEN/G12/153/25/PDF/G1215325.pdf?OpenElement.

4 A/HRC/17/31, disponibbli fuq is-sit: http://www.ohchr.org/Documents/Issues/Business/A-HRC-17-31_AEV.pdf.

persunal assoċjat f'kunflitti armati[1],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949[2], b'mod partikolari l-Artikolu 79 tal-Protokoll Addizzjonali I tiegħu rigward il-protezzjoni tal-ġurnalisti involuti f'missjonijiet professjonali perikolużi fiż-żoni ta' kunflitt armat,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tan-NU dwar is-Sigurtà tal-Ġurnalisti u l-Kwisjoni tal-Impunità, li ġie approvat fit-12 ta' April 2012 mill-Bord tal-Kapijiet Eżekuttivi tan-NU[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1920(2013) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, bit-titolu 'L-Istat tal-Libertà tal-Midja fl-Ewropa' u adottata fl-24 ta' Jannar 2013,

– wara li kkunsidra l-ħidma mwettqa mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) dwar il-libertà tal-midja, u b'mod partikolari r-rapporti tar-Rappreżentant tagħha dwar il-Libertà tal-Midja,

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-NGOs dwar il-midja bħal dawk tal-Korrispondenti Mingħajr Fruntieri (l-Indiċi dwar il-Libertà tal-Istampa) u ta' Freedom House (ir-rapporti dwar il-Libertà tal-Istampa), u l-Istitut Internazzjonali għall-Istampa (Death Watch u Reviżjoni tal-Libertà tal-Istampa Dinjija Annwali tal-IPI),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar 'Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inkluživ'[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar 'Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli'[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-Konferenza Dinjija dwar it-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali (WCIT-12) tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet, u l-espansjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Diċembru 2012 bit-titolu 'Strateġija dwar

---

1 http://documents-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N06/681/60/pdf/N0668160.pdf?OpenElement.

2 http://www.un-documents.net/gc-p1.htm.

3 http://www.unesco.org/new/fileadmin/MULTIMEDIA/HQ/CI/CI/pdf/official_documents/un_plan_action_safety_en.pdf.

4 Testi adottati, P7_TA(2013)0050.

5 Testi adottati, P7_TA(2013)0049.

6 Testi adottati, P7_TA(2012)0503.

7 Testi adottati, P7_TA(2012)0451.

il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE' [1],

– wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (11855/2012) adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem[2],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton f'isem l-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni ta' Jum il-Libertà Dinjija għall-Istampa[3],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 bit-titolu 'Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv' (COM(2011)0886),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissarju għall-Aġenda Diġitali dwar 'l-Istrateġija ta' Mingħajr Skonnettjar'[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2011 bit-titolu 'Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva' (COM(2011)0681),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni[5],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011 bit-titolu 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' (COM(2011)0303),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (EIDHR)[7], kif ukoll għall-istrumenti finanzjarji esterni l-oħrajn kollha,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawsola dwar id-

---

1 Testi adottati, P7_TA(2012)0470.
2 Testi adottati, P7_TA(2012)0250.
3 http://eeas.europa.eu/top_stories/2012/20120503_world_press_freedom_day_en.htm. http://europa.eu/rapid/press-release_PRES-13-181_en.htm.
4 http://blogs.ec.europa.eu/neelie-kroes/ict-human-rights-guidance.
5 ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 165.
6 ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 9.
7 ĠU L386, 29.12.2006, p. 1.

drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ftehimiet tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar każijiet urġenti ta' ksur tad-drittijiet tad-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inklużi r-riżoluzzjonijiet tiegħu speċifiċi skont il-pajjiż li jqajmu tħassib rigward il-libertà tal-istampa u tal-midja u b'mod partikolari l-inkarċerazzjoni ta' ġurnalisti u bloggers,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dispożizzjoni tiegħu li 'il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rrispettati',

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u n-negozjati li għaddejjin dwar l-adeżjoni tal-UE magħha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0176/2013),

***Il-prinċipji u r-rwol tal-istampa u tal-midja***

A. billi d-dritt tal-libertà ta' espressjoni huwa dritt universali tal-bniedem, li jinsab fil-bażi tad-demokrazija, u huwa essenzjali għat-twettiq ta' drittijiet oħrajn li l-persuni madwar id-dinja jissieltu biex jiksbu, bħall-iżvilupp, id-dinjità u s-sodisfazzjon ta' kull bniedem;

B. billi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni għandhom konsegwenzi serji, għandhom ikunu limitati ħafna u jistgħu jiġu ġustifikati biss abbażi ta' kundizzjonijiet limitati u stretti previsti minn liġijiet li fihom nnifishom huma kkunsidrata leġittimi skont id-dritt internazzjonali; billi l-libertà tal-espressjoni hija dritt fundamentali u marbuta mill-qrib mal-libertà u l-pluraliżmu tal-istampa u tal-midja; billi l-istati li ffirmaw il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) huma obbligati li jiżguraw li jkunu garantiti stampa u midja indipendenti, liberi u pluralistiċi;

C. billi l-pjattaformi tal-midja huma essenzjali biex jiġi eżerċitat id-dritt tal-libertà ta' espressjoni; billi l-istampa indipendenti, bħala manifestazzjoni kollettiva tal-libertà ta' espressjoni, hi waħda mill-atturi prinċipali fix-xena tal-midja, li taġixxi bħala gwardjan tad-demokrazija;

D. billi l-libertà ta' espressjoni tal-istampa, tal-midja u tas-settur diġitali u l-ġurnaliżmu huma kkunsidrata bħala beni pubbliċi;

E. billi l-pjattaformi tal-midja (diġitali) kull ma jmur qed ikunu ta' natura globali kif ukoll numru li dejjem jikber ta' utenti;

---

[1] ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.

F. billi l-internet u l-midja huma strumenti użati mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

G. billi n-newtralità tan-net hija prinċipju essenzjali għall-internet miftuħ, li trawwem il-komunikazzjoni billi tiżgura l-kompetizzjoni u t-trasparenza, u hi wkoll ta' benefiċċju għall-opportunitajiet ta' negozju u tistimula l-innovazzjoni, il-ħolqien tax-xogħol u t-tkabbir;

H. billi l-libertà tal-kelma u ta' espressjoni tal-midja u l-libertà tal-ġurnalisti huma mhedda fid-dinja kollha, u ħafna drabi l-ġurnalisti huma wkoll difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u promoturi tal-libertà ta' assoċjazzjoni, opinjoni, reliġjon u twemmin; billi, madankollu, il-ġurnalisti ħafna drabi jiġu ppersegwitati u mitfugħa l-ħabs;

I. billi l-pjattaformi diġitali u onlajn ġodda tal-midja ikkontribwixxew għal żieda fid-diversità u l-pluraliżmu;

J. billi l-isforzi u l-programmi tal-UE li jrawmu u jipproteġu l-libertà tal-istampa u l-midja fid-dinja kollha hemm bżonn li jiġu ottimizzati, filwaqt li jibnu fuq il-ħidma siewja tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti;

K. billi l-UE tista' tkun kredibbli biss fix-xena dinjija jekk il-libertà tal-istampa u tal-midja huma salvagwardati u rrispettati fl-Unjoni nnifisha;

***Żviluppi reċenti***

1. Jirrikonoxxi l-fatt li l-gvernijiet huma dawk primarjament responsabbli għall-garanzija u l-protezzjoni tal-libertà tal-istampa u tal-midja; jenfasizza l-fatt li l-gvernijiet ukoll għandhom ir-responsabbiltà primarja għat-txekkil tal-libertà tal-istampa u tal-midja, fl-agħar każijiet, dejjem qed jirrikorru iżjed għal pressjonijiet ġuridiċi, sabiex jirristrinġu dik il-libertà, pereżempju permezz tal-abbuż tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu jew kontra l-estremiżmu u l-liġijiet dwar is-sigurtà nazzjonali, it-tradiment jew is-sovverżjoni; jinnota li għandu jinstab bilanċ bejn il-kwistjonijiet tas-sigurtà nazzjonali u l-libertà tal-informazzjoni sabiex ma jitħallewx isiru abbużi u tiġi ggarantita l-indipendenza tal-istampa u tal-midja; jirrikonoxxi li imperi tal-midja li jappartjenu lill-politiċi xi kultant għandhom is-setgħa li jwettqu kampanji ta' informazzjoni żbaljata; jenfasizza li huwa essenzjali li l-istampa u l-midja jkunu jistgħu joperaw b'mod indipendenti u ħielsa mill-pressjoni permezz ta' mezzi politiċi u finanzjarji; jinsab allarmat dwar it-tendenza ġenerali 'l isfel fil-gradwatorji tal-ambjenti tal-libertà tal-istampa u tal-midja f'diversi pajjiżi kemm fl-Ewropa kif ukoll barra l-Ewropa, skont l-Indiċijiet u r-Rapporti ta' Analiżi annwali l-aktar riċenti (ara l-lista fl-Anness fl-aħħar tar-rapport A7-0176/2013);

2. Jenfasizza li l-midja onlajn u tradizzjonali ħielsa, indipendenti u pluralistika huma wieħed mill-pedamenti tad-demokrazija u l-pluraliżmu; jirrikonoxxi l-importanza ta' riżorsi ta' informazzjoni bħala garanziji reali ta' libertà u pluraliżmu tal-midja; jindika li ż-żamma u t-tisħiħ tal-libertà u l-indipendenza tal-midja fid-dinja huwa fl-interess komuni; jinnota li r-rwol tal-midja ħielsa u indipendenti u l-iskambju ħieles ta' informazzjoni huma ta' importanza kbira fil-kuntest tal-bidliet demokratiċi li jseħħu f'reġimi mhux demokratiċi;

3. Jiddeplora l-fatt li l-ġurnalisti ta' spiss jiġu feruti jew maqtula jew qed ikunu soġġetti għal abbużi serji fid-dinja kollha, ta' spiss b'impunità; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li tiġi miġġielda l-impunità; jenfasizza li l-awtoritajiet ma jistawx jittrattaw it-theddid u l-vjolenza diretta lejn il-ġurnalisti jew jiżguraw is-sigurtà tagħhom sakemm l-awtoritajiet

politiċi, ġudizzjarji u tal-pulizija jieħdu azzjoni deċiżiva kontra dawk li jattakkaw lill-ġurnalisti u xogħolhom. jirrimarka li l-effetti tal-impunità għandhom impatt mhux biss fuq il-libertà tal-istampa, iżda wkoll fuq il-ħidma ta' kuljum tal-ġurnalisti, kif ukoll joħolq klima ta' biża' u awtoċensura; jemmen li l-UE għandha tieħu pożizzjoni aktar soda lejn il-pajjiżi li kontinwament jippermettu li atti bħal dawn ma jiġux ikkastigati, u jistieden lill-istati jiggarantixxu s-sigurtà tal-ġurnalisti;

4. Jenfasizza li l-liġijiet, ir-regolamentazzjoni statutorja, l-intimidazzjoni, il-multi u s-sjieda kkonċentrata immens minn politiċi jew oħrajn b'kunflitti ta' interess kollha huma fatturi li jistgħu jillimitaw il-libertà għall-kisba u l-aċċess tal-informazzjoni u li jistgħu jirriżultaw f'theddid għal-libertà tal-espressjoni;

5. Jenfasizza li tista' ssir pressjoni indiretta fuq l-istampa u l-midja mill-gvernijiet; iqis li f'ħafna pajjiżi il-midja tiddependi ħafna fuq ir-reklamar tal-gvern, li mbagħad jista' jsir għodda biex issir pressjoni fuq il-midja, u li l-liċenzji jew il-penali fiskali jistgħu jintużaw ukoll biex jirristrinġu l-operazzjoni tal-midja kritika;

6. Jiddeplora l-fatt li l-kriminalizzazzjoni tal-espressjoni qed tiżdied; ifakkar li l-ġurnalisti fid-dinja kollha ħafna drabi qed jinżammu l-ħabs minħabba xogħolhom; huwa konxju tal-użu tal-liġijiet dwar il-malafama, il-blasfemija u l-libell, kif ukoll il-leġiżlazzjoni li tirreferi għad-'degradazzjoni tal-immaġni tal-pajjiż barra mill-pajjiż' u l-'propaganda omosesswali' għall-inkarċerazzjoni jew iċ-ċensura tal-ġurnalisti u biex jostakolaw l-libertà ta' espressjoni; jiddispjaċih li ċ-ċensura trawwem l-awtoċensura; jitlob li jintemmu l-vessazzjonijiet fil-konfront tal-ġurnalisti, li għandhom ikunu jistgħu jagħmlu xogħolhom b'mod indipendenti mingħajr biża' minn vjolenza u rikriminazzjoni, u għar-rilaxx immedjat tal-ġurnalisti u bloggers kollha li jinsabu l-ħabs inġustament minħabba xogħolhom;

7. Jikkundanna bil-qawwa l-fatt li ħafna ġurnalisti ma għandhom l-ebda aċċess għall-assistenza legali filwaqt li l-professjoni tagħhom qed tkun dejjem aktar minn ta' quddiem fit-taqbida għad-drittijiet tal-bniedem, sew jekk onlajn jew jekk offlajn;

8. Jikkunsidra t-tendenza tas-sjieda kkonċentrata tal-midja f'konglomerati kbar bħala theddida għal-libertà tal-midja u l-pluraliżmu, speċjalment meta d-diġitalizzazzjoni qed isseħħ b'mod parallel; jisħaq l-importanza ta' infrastruttura tal-midja sottostanti miftuħa u abilitanti, kif ukoll l-eżistenza ta' regolaturi indipendenti;

9. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' fondazzjonijiet privati u NGOs li jappoġġaw il-ġurnaliżmu ta' kwalità u li jkunu promoturi tal-innovazzjoni;

10. Jenfasizza li, filwaqt li l-impriżi jassumu responsabbiltajiet ġodda f'dinja globali u marbuta b'mod diġitali, iħabbtu wiċċhom ukoll ma' sfidi ġodda f'oqsma li tradizjonalment kienu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet pubbliċi; huwa konxju li l-ordnijiet ta' mblokk tal-gvernijiet li jaffettwaw il-kontenut u s-servizzi onlajn ħolqu pressjoni fuq l-indipendenza editorjali u l-kontinwità tas-servizz;

11. Jinsab konxju li l-midja ta' spiss tintuża u/jew tiġi involuta f'għodda tradizzjonali ta' propoganda u li, speċifikament fir-rigward tal-midja tas-servizz pubbliku, l-indipendenza finanzjarja u politika, kif ukoll il-pluraliżmu, huma essenzjali; jenfasizza li l-midja pubblika ħielsa u indipendenti għandha rwol kruċjali fl-approfondiment tad-demokrazija, fil-massimizzazzjoni tal-involviment tas-soċjetà ċivili fid-dibattiti u fl-affarijiet pubbliċi,

u fl-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini fit-triq għad-demokrazija;

12. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kodiċi tal-etika għall-ġurnalisti kif ukoll għal dawk involuti fil-ġestjoni ta' ħwienet tal-midja, sabiex tkun żgurata l-indipendenza sħiħa tal-ġurnalisti u l-korpi tal-midja; jirrikonoxxi l-importanza tal-infurzar ta' kodiċi bħal dawn permezz tat-twaqqif ta' korpi regolatorji indipendenti;

***Diġitalizzazzjoni***

13. Jirrikonoxxi l-impatt potenzjali tal-midja tal-lum li hi dejjem aktar diġitalizzata u l-effetti tagħha ta' għoti ta' setgħat fuq individwi permezz ta' żieda fil-livelli ta' informazzjoni u ta' ħsieb kritiku, u jinsab konxju tal-fatt li dawn l-iżviluppi joħolqu ansjetà, b'mod partikolari għar-reġimi awtoritarji;

14. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-pjattaformi tal-midja diġitali u onlajn fl-irvelli kontra r-reġimi dittatorjali fis-snin reċenti;

15. Jenfasizza li l-aċċess għall-informazzjoni, kemm onlajn kif ukoll offlajn, huwa neċessarju għall-evoluzzjoni tal-opinjoni u l-espressjoni, kif ukoll għall-espressjoni u l-komunikazzjoni tal-kontenut permezz tal-pjattaformi tal-midja, peress li dawn jikkostitwixxu kontrolli essenzjali fuq is-setgħa;

16. Jirrikonoxxi li d-diġitalizzazzjoni tal-midja u l-informazzjoni wessgħet il-portata u l-impatt tagħhom iżda ċajpret ukoll id-distinzjoni sottili bejn l-informazzjoni u l-opinjoni; jinnota ż-żieda sinifikanti fil-kontenut iġġenerat mill-utenti u l-ġurnaliżmu taċ-ċittadin;

17. Jikkunsidra li d-diġitalizzazzjoni tal-istampa u tal-midja qed iżżid saffi ġodda fix-xena tal-midja, filwaqt li tqajjem mistoqsijiet dwar l-aċċess, il-kwalità, l-objettività tal-informazzjoni u l-protezzjoni tagħha;

18. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tagħmilha aktar faċli għall-persuni li jaċċedu għall-informazzjoni u jikkontrollaw lill-uffiċjali, u li jkun żgurat li d-data u d-dokumentazzjoni jiġu kondiviżi u mxerrda u li l-każijiet ta' inġustizzja jew korruzzjoni jiġu żvelati;

19. Jenfasizza li biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tal-infrastrutturi tal-IT, hija meħtieġa interoperabbiltà globali u regolamentazzjoni xierqa u li, dawn l-elementi tal-ICT għandhom jiġu inkorporati kemm fix-xena tal-midja eżistenti kif ukoll f'dik li qed tevolvi, flimkien mal-kundizzjonijiet bażiċi ta' indipendenza, pluralità u diversità;

20. Jiddeplora t-tentattivi kollha biex jinħolqu diversi forom ta' 'internet magħluq', peress li dawn jirrappreżentaw ksur serju tad-dritt tal-informazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kollha biex joqogħdu lura milli jagħmlu tentattivi bħal dawn;

21. Jinsab imħasseb dwar is-sorveljanza tal-massa, iċ-ċensura tal-massa u x-xejriet ta' mblokk u filtraġġ li jaffettwaw mhux biss il-midja u l-ħidma tal-ġurnalisti u tal-bloggers iżda jfixklu wkoll il-ħidma tas-soċjetajiet ċivili fil-ħolqien ta' bidla politika, ekonomika u soċjali sinifikanti; jikkundanna kull arrest u attentat ta' arrest tal-bloggers, għaliex iqis dawn l-azzjonijiet bħala attakk kontra l-libertà ta' espressjoni u opinjoni;

22. Jiddeplora l-fatt li għadd ta' teknoloġiji u servizzi mibgħuta f'pajjiżi terzi biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem permezz taċ-ċensura tal-informazzjoni, is-sorveljanza tal-massa, il-

monitoraġġ, u l-insegwiment u r-rintraċċar taċ-ċittadini u l-attivitajiet tagħhom fuq netwerks tat-telefon (mobbli) u l-internet joriġinaw mill-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex twaqqaf dan il-'kummerċ ta' armi diġitali';

23. Jenfasizza l-bżonn ta' fehim akbar tar-rwol tal-intermedjarji u r-responsabbiltajiet tagħhom; iqis li r-regolaturi tas-suq jistgħu jgħinu biex tiġi ppreservata l-kompetizzjoni, iżda li hemm bżonn ukoll li jiġu esplorati mezzi ġodda kif jiġu involuti atturi privati sabiex jiġi ppreservat il-valur pubbliku tal-informazzjoni; jirrikonoxxi li l-awtoregolamentazzjoni tista' tinkludi riskji speċifiċi fejn ikun hemm nuqqas ta' superviżjoni (demokratika);

24. Jenfasizza l-fatt li l-pjattaformi diġitali u dawk immexxija mid-data (informatika) jew is-servizzi bħall-magni tat-tiftix huma proprjetà privata u jeħtieġu trasparenza biex jiġi ppreservat il-valur pubbliku tal-informazzjoni u jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' espressjoni;

25. Jenfasizza l-ħtieġa għall-protezzjoni tal-iżvelatur u tas-sors, u li l-UE taġixxi għal dan il-għan b'mod globali;

26. Jikkundanna bil-qawwa kull tentattiv li jintuża l-internet jew pjattaformi oħra tal-midja onlajn biex jiġu promossi jew imrawma attivitajiet terroristiċi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jieħdu pożizzjoni soda f'dan ir-rigward;

***Politiki u azzjonijiet esterni tal-UE***

27. Jenfasizza li sabiex l-UE tiġi meqjusa bħala komunità ta' valuri, il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-istampa globali u tal-libertà tal-midja huma essenzjali; jenfasizza li l-UE għandha turi tmexxija politika massima biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ġurnalisti globalment;

28. Jemmen li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem biex tiżgura li l-midja tibqa' indipendenti, pluralistika u diversa, u biex tiddefendi s-sitwazzjoni, il-libertà u s-sigurtà tal-ġurnalisti u tal-bloggers; jisħaq li, għal dan il-għan, l-UE ma għandhiex tindaħal fil-kontenut, iżda pjuttost għandha tappoġġa ambjent li jippermetti u jneħħi r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-espressjoni b'mod globali;

29. Jinnota bi tħassib li fi snin reċenti xi midja, speċjalment fl-UE, hi stess ġiet soġġetta għal skrutinju għal imġiba mhux etika u allegatament illegali; iqis li l-UE tista' tmexxi biss billi tagħti eżempju jekk tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-fruntieri tagħha stess;

30. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja mill-qrib l-indipendenza tal-istampa u l-midja fl-Istati Membri;

31. Iqis li, filwaqt li l-UE tindirizza l-libertà tal-istampa u tal-midja permezz ta' bosta politiki u programmi, hi nieqsa minn enfasi totali speċifika fuq il-kwistjoni, kif ukoll għandha nuqqas ta' viżjoni ta' tmexxija koerenti u punti ta' riferiment;

32. Iqis li n-nuqqas ta' strateġija komprensiva jwassal għal frammentazzjoni u riskji li jirrinunzjaw għall-prinċipji tal-politika importanti ta' trasparenza u responsabbiltà;

***Strateġija***

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, speċjalment lid-DĠ DEVCO, u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), ittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinament tagħhom ta' programmazzjoni, partikolarment billi joħolqu sinerġija bejn il-ħidma politika u dik diplomatika u permezz tal-implimentazzjoni konġunta, inkluż permezz ta' monitoraġġ u valutazzjoni, ta' finanzjament u proġetti; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-analiżi u l-evalwazzjoni tagħha tal-programmazzjoni tal-passat, dak eżistenti u tal-ġejjieni, u biex ir-riżultati tagħmilhom pubbliċi;

34. Jitlob bidla minn finanzjament ad hoc ta' proġetti għal approċċ aktar sostenibbli, li jinvolvi wkoll donaturi privati u interlokuturi; jirrikonoxxi l-bżonn ta' approċċ lejn il-programmazzjoni ad hoc fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll reġjonali;

35. Iħeġġeġ lill-UE tiżvolġi rwol aktar sinifikanti notevolment fil-pajjiżi kandidati, kif ukoll fir-rigward tal-viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant immedjat tagħha, u fil-kuntest tan-negozjati dwar il-kummerċ u l-ftehim ta' assoċjazzjoni; jistieden lill-UE tadotta strateġija biex tiżgura li tissorvelja mill-qrib u tirreaġixxi għall-bidliet fil-leġiżlazzjoni li jillimitaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fil-pajjiżi terzi;

36. Jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji esterni eżistenti, bħall-EIDHR, l-istrumenti ġeografiċi u oħrajn, jeħtieġ li jintużaw b'mod flessibbi biex jgħinu jsaħħu s-soċjetà ċivili; jenfasizza li s-sjieda lokali u l-bini ta' kapaċità huma essenzjali biex jiġu żgurati l-iżvilupp sostenibbli u l-progress;

37. Jenfasizza li l-UE għandha tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' dawk li jfasslu l-politika, lir-regolaturi u lill-midja f'pajjiżi terzi bl-istess mod, bl-għan li trawwem il-libertà tal-istampa u tal-midja u forom xierqa u teknoloġikament newtrali tar-regolamentazzjoni tas-suq, filwaqt li jfakkar b'mod speċjali li f'perjodi ta' transizzjoni ħafna drabi l-libertajiet huma limitati f'isem l-istabbiltà u s-sigurtà;

38. Jisħaq li l-kwistjonijiet tal-iżvilupp tal-midja u l-fatt li tiġi permessa l-libertà ta' espressjoni għandhom ikunu parti importanti mid-djalogu tal-UE fil-livell speċifiċi skont il-pajjiż, jenfasizza li punti ta' riferiment u kundizzjonalitajiet ċari għandhom jiġu rrispettati fil-kummerċ, sħubija, kooperazzjoni, u ftehimiet ta' assoċjazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi u programmi ta' għajnuna, f'konformità mal-Artikolu 21 tat-TFUE; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni jirrispettaw u jimplimentaw ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar in-negozjati għal ftehimiet bħal dawn; ifakkar li l-koerenza, il-konsistenza, il-koordinament u t-trasparenza bejn il-Parlament, is-SEAE u l-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma kruċjali għall-kredibilità u l-effikaċja tal-UE fir-relazzjonijiet u l-interazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex il-ġlieda kontra l-impunità tagħmilha waħda mill-prijoritajiet tagħha fil-programmi tagħha rigward il-libertà ta' espressjoni u l-midja, ukoll billi toffri għajnuna fl-investigazzjoni ta' reati kontra l-ġurnalisti, billi tistabbilixxi fondi għal difiża legali u tipprovdi l-kompetenzi tagħha;

40. Iqis li l-finanzjament tal-UE ma għandux ikun limitat għal organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati (intermedjarji) iżda għandu jinkludi wkoll organizzazzjonijiet lokali;

41. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-klawsoli ta' kunfidenzjalità fil-finanzjament tagħha tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-istampa u tal-midja, peress li din tagħti lok għall-iskreditu tal-ġurnalisti, tal-mezzi tal-midja jew tal-NGOs, b'hekk toħloq ħsara ukoll għall-kredibbiltà tal-attivitajiet tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem li fihom infushom huma miftuħa u trasparenti;

42. Jenfasizza li l-programmi tal-istampa u tal-midja għandhom jiffukaw ukoll fuq it-titjib tal-istrutturi (statali u legali) u fuq l-appoġġ għall-kumpaniji u l-impriżi tal-midja lokali, sabiex itejbu t-trasparenza, l-indipendenza, il-kapaċità li jkunu sostenibbili, il-professjonalità u l-iskjettezza tagħhom; jenfasizza li l-politiki tal-midja tal-UE għandhom jippruvaw ukoll jimmassimizzaw il-pluraliżmu u d-diversità billi jappoġġaw midja indipendenti u start-ups;

43. Ifakkar li l-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja, inkluż fuq l-internet, huma valuri ċentrali Ewropej; jenfasizza l-importanza fundamentali tal-libertà tal-istampa u tal-midja fil-politika tat-tkabbir tal-UE u tal-libertajiet diġitali f'dan il-kuntest, filwaqt li jikkunsidra dawn il-libertajiet bħala drittijiet tal-bniedem u għalhekk bħala parti mill-kriterji politiċi ta' Kopenħagen;

44. Iqis li l-UE għandha tinkludi l-komponenti ta' appoġġ lill-istampa u lill-midja fl-assistenza elettorali tagħha, pereżempju billi trawwem kooperazzjoni bejn il-korpi maniġerjali elettorali fil-pajjiżi terzi u l-istampa, biex ittejjeb it-trasparenza u l-leġittimità tal-proċessi u r-riżultati elettorali;

45. Iqis li fil-pajjiżi ta' transizzjoni l-UE għandha tiffoka fuq il-libertà tal-istampa u tal-midja fil-kuntest tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni u rikostruzzjoni;

46. Ifaħħar u jilqa' l-ħidma importanti ta' numru ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (ta' ġurnalisti) li jittrattaw il-libertà tal-istampa u tal-midja, u jenfasizza li dawn l-organizzazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ sħiħ tal-UE, bil-kunsiderazzjoni tan-natura essenzjali tal-ħidma tagħhom bħala punt ta' kollegament;

47. Jitlob lis-SEAE jagħmel l-aħjar użu tal-parteċipazzjoni tal-UE fil-fora multilaterali li jiffukaw fuq il-libertajiet tal-istampa, tal-midja u dik diġitali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, u wkoll fil-kuntest tan-NU;

48. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lis-SEAE jadottaw Strateġija ta' Libertà tal-Istampa u tal-Midja fil-qafas tal-politika barranija tal-UE, kemm jista' jkun malajr, u jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport preżenti fil-Linji Gwida li ġejjin dwar il-Libertà tal-Espressjoni (onlajn kif ukoll offlajn);

49. Jitlob li r-rapport preżenti jinqara u jiġi adottat f'allinjament mill-qrib mar-riżoluzzjoni tiegħu 'Strateġija dwar Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE';

o

o o

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà /Viċi President tal-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,

lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-UNESCO, lill-Kunsill tal-Ewropa, u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.